MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2005

Rikors Numru. 48/2005

**World wide Import / Export Company Limited**

**vs**

**Kontrollur tad-Dwana**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippresentat mis-socjeta’ rikorrenti fid-19 ta’ Jannar, 2005, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta illi:

Is-socjeta’ esponenti giet notifikata b’ittra ufficjali datata ghaxra (10) ta’ Jannar, 2005, fejn giet interpellata mill-Kontrollur tad-Dwana sabiex thallsu s-somma ta’ elf u hamsa u ghoxrin lira maltija (Lm1,025) bhala *levy* fuq importazzjoni ta’ *margarine* skond *Post Entry Claim* datata tlieta (3) ta’ Dicembru, 2002 (Kopja ta’ ittra ufficcjali qed tigi hawn annessa u markata bhala Dokument A);

Is-socjeta’ esponenti topponi t-talba tal-Kontrollur tad-Dwana kontenuta fl-imsemmija ittra ufficcjali tieghu ta’ l-ghaxra (10) ta’ Jannar, 2005, ghall-hlas ta’ Lm1,025 bhala *levy* u ghalhekk qed tintavola r-rikors odjern *ai termini* ta’ l-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Is-socjeta’ rikorrenti toggezzjona u topponi li taghmel dan il-hlas *stante* illi l-ammont mitlub mill-Kontrollur tad-Dwana fl-imsemmija ittra ufficcjali tieghu mhux dovut peress illi:

1. Preliminarjament, billi l-pretenzjoni tal-Kontrollur tad-Dwana hija preskritta *ai termini* ta’ l-artikolu 2149(e) tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta).

2. Il-*levies* kollha dovuti ghall-importazzjoni relattiva kienu thallsu fl-erbgha (4) ta’ Jannar, 2002 mis-socjeta’ esponenti.

Ghaldaqstant is-socjeta’ rikorrenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti tiddikjara illi t-talba ta’ l-intimat Kontrollur tad-Dwana kontenuta fl-imsemmija ittra ufficcjali tieghu ta’ l-10 ta’ Jannar, 2005, ghall-hlas ta’ elf, u hamsa u ghoxrin lira maltija (Lm1,025) bhala *levy* fuq importazzjoni ta’ *margarine* skond *Post Entry Claim* datata tlieta (3) ta’ Dicembru, 2002 hija (ghar-ragunijiet suesposti) infondata fil-fatt u fid-dritt u, *kwindi*, nulla u bla effett legali, bl-ispejjez kontra l-intimat.

Rat ir-risposta imressqa mill-Kontrollur intimat li *in forza* taghha wiegeb illi:

1. In-nuqqas ta’ gurisdizzjoni ta’ din il-Qorti *ratione valoris*, peress li t-talba hija ghal hlas ta’ somma li hi inqas minn hamest elef lira.

2. It-talba tal-esponent mhix preskritta u dan *ai termini* tal-artikolu 6(3) tal-Att dwar il-Promozzjoni tal-Prodotti Lokali (Kap 336) moqri flimkien mal-artikolu 4(5) tal-Att dwar id-Dazji ta’ Importazzjoni (Kap 337).

3. Fil-mertu, l-ammont mitlub permezz tal-ittra ufficcjali datata 10 ta’ Jannar, 2005 huwa dovut peress li t-tariffa

korretta fuq il-*margarine in kwistjoni* kienet ta' HS 1517.10.90.90. li kellha maghha rata ta' *levy* ta' 25c/kg. Il-*levy* dovuta fuq din l-importazzjoni ghalhekk kienet ta' elfejn u hamsin lira (Lm2,050), li minnha thallset is-somma ta' elf u hamsa u ghoxrin lira (Lm1,025). Ghalhekk baqa' tithallas is-somma ta' elf u hamsa u ghoxrin lira (Lm1,025), u t-talba tar-rikorrent ghandha tkun michuda bl-ispejjez kontrieh.

Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat li din il-kawza thalliet ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimat;

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tar-rikorrenti;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza fuq dik l-ewwel eccezzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi b'ittra ufficcjali datata 10 ta' Jannar, 2005, u ippresentata fil-Qorti tal-Magistrati (Malta), il-Kontrollur tad-Dwana interpella lis-socjeta' rikorrenti thallas is-somma ta' Lm1,025 dovuta bhala *levy* fuq importazzjoni ta' *margarine*. Dik l-ittra ufficcjali kienet akkumpanjata b'dikjarazzjoni guramentata u gie indikat li dik l-ittra ufficcjali giet ippresentata *a tenur* tal-artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. *A tenur* ta' dan l-artikolu, dik l-ittra ufficcjali hekk akkumpanjata jkollha effett ta' gudikat tal-Qorti kompetenti, *"kemm-il darba d-debitur, fi zmien ghoxrin jum min-notifika li ssirlu ta' dik id-dikjarazzjoni, ma jopponix it-talba billi jipprezenta rikors li fih jitlob li l-Qorti tiddikjara t-talba bhala wahda infondata"*.

Illi l-imsemmija ittra ufficcjali, bid-dikjarazzjoni annessa, giet debitament notifikata lis-socjeta' rikorrenti, u din, fid-19 ta' Jannar, 2005, resqet rikors biex topponi t-talba tal-Kontrollur tad-Dwana. Din it-talba, *pero'*, flok giet

imressqa quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), giet ippresentata quddiem din il-Qorti.

Illi l-Kontrollur intimat, wara li gie notifikat bir-rikors, eccepixxa preliminarjament in-nuqqas ta’ gurisdizzjoni ta’ din il-Qorti *ratione valoris*.

Is-socjeta’ rikorrenti ippruvat tirrimedja ghal dan l-*“izball”* billi talbet lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) tammetti quddiemha dan ir-rikors, izda, wara oppozizzjoni mill-intimat, it-tali talba giet michuda.

B’rikors ippresentat quddiem din il-Qorti fis-17 ta’ Marzu, 2005, is-socjeta’ rikorrenti talbet issa lill-din il-Qorti tibghat dawn l-atti quddiem l-istess Qorti tal-Magistrati (Malta).

Din il-Qorti tirrileva, fl-ewwel lok, li m’hemmx dubju li l-Qorti kompetenti biex tisma’ l-ilment tas-socjeta’ rikorrenti hija l-Qorti tal-Magistrati (Malta). L-artikolu 466 imsemmi jindika li t-talba ghal-hlas trid issir quddiem il-Qorti kompetenti, u l-opposizzjoni ghal dik it-talba trid issir lill-dik l-istess Qorti. Fil-kaz *in ezami*, l-ammont mitlub jidhol fil-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), u t-talba relattiva saret tajjeb quddiem dik il-Qorti. Kieku t-talba ma tigix kontestata, id-dikjarazzjoni annessa mal-att gudizzjarju ikollha effett ta’ sentenza ta’ dik il-Qorti, u *kwindi*, hu car li kull opposizzjoni kellha issir quddiem dik il-Qorti kompetenti, u *cioe’*, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta). Sentenza jew procedura inizjata f’Qorti trid tigi kontestata f’dik l-istess Qorti, u mhix quddiem Qorti differenti li m’ghandhiex kompetenza tiehu konsiderazzjoni ta’ dik il-materja.

Is-socjeta’ rikorrenti tidher li dan tapprezzah ghax ippruvat u qed terga tipprova twassal dawn l-atti quddiem il-Qorti kompetenti. L-ewwel ippruvat titlob lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) tirrikjana din il-kawza ghal-quddiema, u wara li dik il-Qorti cahdet it-talba, resqet talba ohra, issa quddiem din il-Qorti, biex l-atti jintbaghatu lill-imsemmija Qorti tal-Magistrati (Malta).

Din il-Qorti ma tarax b'liema setgha din il-Qorti tista' tibghat l-atti lil Qorti ohra. Dan mhux provdut fil-ligi, u l-ligi, anzi, fl-artikolu 741(b) tal-Kap. 12, tipprovdi li l-eccezzjoni tal-inkompetenza tal-Qorti tista' tinghata *"meta ghalkemm ta' gurisdizzjoni tal-qrati ta' Malta, il-kawza tingieb quddiem Qorti diversa minn dik li ghandha tiehu konjizzjoni taghha"*; tali eccezzjoni tista' anke tigi sollevata *ex officio* mill-Qorti *a tenur* tal-artikolu 774(b) tal-indikat Kap. 12. Jekk tali eccezzjoni tintlaqa', il-kawza tigi mitfugha 'l barra u m'hemmx procedura biex l-atti jintbaghtu quddiem Qorti ohra. Hu biss f'kaz ta' konflitt ta' decizzjonijiet fuq il-kompetenza, li l-Onorabbli Qorti tal-Appell, tista' tiddeciedi hi liema wahda minn dawk il-Qrati hi kompetenti (artikolu 775). F'dan il-kaz, *pero'*, m'hemmx konflitt ta' decizjonijiet, izda biss procedura li saret quddiem Qorti li m'ghandhiex kompetenza.

Li din il-Qorti ma tistax tibghat l-atti lil Qorti differenti, jidher rifless ukoll fil-*White Paper* mahrug mill-Gvern f'Jannar tal-2005, taht it-titolu *"Lejn Gustizzja Ahjar u Ehfef"*. Dak il-*White Paper* jikkontjeni diversi proposti ghall-emendi fil-ligi tal-procedura, u tressaq bhala *"dokument ta' konsultazzjoni"*. Fost is-suggerimenti ghal-bidla fil-kamp civili jinghad hekk, fl-ahhar tal-Punt numru 2:

*"Hekk ukoll f'kaz li ghal xi raguni jew ohra kawza tigi intavolata bi zball quddiem Qorti u mhux ohra, jew quddiem xi tribunal, il-kawza tigi trasferita quddiem il-Qorti jew tribunal kompetenti, minghajr il-bzonn ta' proceduri godda".*

Wiehed jista' jaqbel jew ma jaqbilx ma' dan is-suggeriment, *pero'*, jibqa' 'l fatt li, sal-lum, din il-procedura mhix permessa u minghajr awtorisazzjoni gudizzjara, din il-Qorti ma tarax li tista' tordna li din il-kawza tmur quddiem Qorti ohra b'kompetenza differenti. Il-kompetenza *"ratione materiae"* jew *"ratione valoris"* hi ta' ordni pubbliku, u lanqas tista' titwarrab bi ftehim bejn il-partijiet (ara "Borg vs Vassallo", decisa mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-16 ta' Dicembru, 2003), u din il-Qorti m'ghandhiex setgha legali biex tibghat hi

kawza quddiem Qorti ohra.  Din il-Qorti tista' tiddeciedi biss fuq il-kompetenza taghha, *pero'*, la tista' tiddeciedi hi fuq il-kompetenza ta' Qorti ohra, u lanqas tibghat l-atti quddiem Qorti ohra li hi jidhrilha li hi kompetenti.

Din il-Qorti, ghalhekk, jidhrilha li ma tistax tilqa' it-talba tas-socjeta' rikorrenti kif maghmula bir-rikors tas-17 ta' Marzu, 2005, u min-naha l-ohra ghandha tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-intimat.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mir-rikors tas-17 ta' Marzu, 2005, billi tichad it-talba hemm kontenuta, u billi tilqa' l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mill-Kontrollur tad-Dwana, u wara li tiddikjara ruhha inkompetenti li tisma' u tiddeciedi fuq it-talba kontenuta fir-rikors promotorju, tillibera lill-intimat Kontrollur tad-Dwana mill-osservanza tal-gudizzju, u tordna li l-ispejjez kollha relattivi jithallsu mis-socjeta' rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------